GVERN TA' MALTA

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

QUALITY SERVICE

FONDI.eu

INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI



# BISS

## Appoġġ Bażiku Għall-Introjtu Għas-Sostenibbiltà - BISS

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)** • Triq Ħal-Luqa, Qormi QRM 9075 – Malta • **T** +356 2292 6148 • **E** arpa.mafa@gov.mt
Għal aktar informazzjoni inħeġġuk iżżur is-sit elettroniku tal-ARPA **www.arpa.gov.mt**

**RINUNZJA:** L-informazzjoni mogħtija f'dan il-ktejjeb għandha sservi ta' gwida u m'għandhiex iiġi kkunsidrata bħala eżawrenti. Tali gwida hija suġġett għal tibdil skont il-ħtieġa. Għal informazzjoni kompluta dwar ir-rekwiżiti u l-implimentazzjoni ta' tali skemi, dejjem huwa suġġerit li tikkonsulta mal-aħħar verżjoni tal-linji gwida uffiċjali li huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ARPA www.arpa.gov.mt

# INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

## Appoġġ Bażiku Għall-Introjtu Għas-Sostenibbiltà - BISS

Mill-2023 Malta ser tieqaf tuża l-intitolamenti tal-pagamenti allokati għall-Appoġġ Bażiku għall-Introjtu. F'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 2115/2021, Malta ser tħallas rata uniformi għal kull Ettaru lill-bdiewa kollha għall-erjas eliġibbli kollha f'Malta, għaldaqstant il-BISS mhux ser ikun ibbażat fuq l-intitolamenti tal-pagamenti. L-erjas eliġibbli huma ddeterminati mil-LPIS.

### BISS – Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Ikunu konformi mad-definizzjoni ta' bidwi attiv kif definit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK;
- Irid ikollhom ażjenda totali minima ta' 0.3 Ettaru (Ha) ta' erja agrikola eliġibbli;
- Għal kull għalqa, l-erja minima hija ta' 0.01 Ha;
- L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sad-dati ta' skadenza kif stabbiliti mill-ARPA;
- Iridu jkunu rreġistrati fil-Reġistru tal-Bdiewa tal-IACS kif miżmum mill-ARPA u r-Reġistru tan-Nitrati kif miżmum mid-Direttorat tal-Agrikoltura meta japplikaw;
- L-ettari eliġibbli kollha kklejmjati għandhom ikunu indikati b'mod mhux ambigwu fuq is-sit u permezz ta' immaġnijiet tas-satellita u rreġistrati mal-ARPA meta japplikaw;
- L-applikanti għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet agrikoli obbligatorji standard u għaldaqstant għandhom ikunu jistgħu jipprovdu rekords tal-azzjonijiet tagħhom.

### BISS – Kalkolu tar-rata ta' pagament

- Rata Minima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2026: €594.00
- Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2026: €637.72
- Rata Minima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2027: €81.09
- Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2027: €86.56

GVERN TA' MALTA

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

QUALITY SERVICE

FONDI.eu

INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI



# PSF
## Pagament għall-Bdiewa b'Azjenda Agrikola Żgħira

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)** • Triq Ħal-Luqa, Qormi QRM 9075 – Malta • **T** +356 2292 6148 • **E** arpa.mafa@gov.mt
Għal aktar informazzjoni inħeġġuk iżżur is-sit elettroniku tal-ARPA **www.arpa.gov.mt**

**RINUNZJA:** L-informazzjoni mogħtija f'dan il-ktejjeb għandha sservi ta' gwida u m'għandhiex iiġi kkunsidrata bħala eżawrenti. Tali gwida hija suġġett għal tibdil skont il-ħtieġa. Għal informazzjoni kompluta dwar ir-rekwiżiti u l-implimentazzjoni ta' tali skemi, dejjem huwa suġġerit li tikkonsulta mal-aħħar verżjoni tal-linji gwida uffiċjali li huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ARPA www.arpa.gov.mt

# INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

## Pagament għall-Bdiewa b'Azjenda Agrikola Żgħira – PSF

Mill-2023, Malta ser tipprovdi din l-iskema volontarja li taħtha bdiewa b'ażjenda agrikola żgħira jistgħu jitħallsu pagament ta' somma f'daqqa ta' €250 fis-sena. Din l-iskema tissostitwixxi l-interventi ta' Pagamenti Diretti kollha; għal dan il-għan, il-bdiewa li jagħżlu li japplikaw għal dan l-intervent ma jibbenefikawx mill-interventi l-oħrajn ta' Pagamenti Diretti.

Il-bdiewa li japplikaw għal dan l-intervent jistgħu jagħżlu li ma jeħdux sehem f'din l-iskema billi jinformaw lill-ARPA bil-miktub matul il-perjodu għat-talbiet kif stabbilit mill-ARPA.

### PSF – Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Irid ikollhom minimu ta' 0.3 Ha ta' erja agrikola eliġibbli; u fil-każ tal-pagament għall-bdiewa b'ażjenda agrikola żgħira, il-bdiewa attivi ma jistax ikollhom aktar minn 1 Ha eliġibbli ddikjarat taħt isimhom;
- Għal kull għalqa, l-erja minima hija ta' 0.01 Ha;
- Ikunu konformi mad-definizzjoni ta' bidwi attiv kif definit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK;
- L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sad-dati ta' skadenza kif stabbiliti mill-ARPA;
- Bdiewa attivi jridu jkunu rreġistrati fil-Reġistru tal-Bdiewa tal-IACS kif miżmum mill-ARPA u r-Reġistru tan-Nitrati kif miżmum mid-Direttorat tal-Agrikoltura meta japplikaw;
- L-ettari eliġibbli kollha kklejmjati għandhom ikunu indikati b'mod mhux ambigwu fuq is-sit u permezz ta' immaġnijiet tas-satellita u rreġistrati mal-ARPA meta japplikaw;
- Il-bidwi attiv ma jkunx volontarjament ħareġ mill-iskema.

### PSF – Kalkolu tar-rata ta' pagament

L-applikanti eliġibbli jitħallsu pagament ta' somma f'daqqa ta' €250 fis-sena. Bdiewa b'erja ddeterminata ta' inqas minn 0.3 Ha jew li taqbeż 1 Ha ser ikunu meqjusa mhux eliġibbli għall-pagament.

GVERN TA' MALTA

ARPA AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

QUALITY SERVICE

FONDI.eu

INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI



# CISYF

# Appoġġ Kumplimentari għall-Introjtu għall-Bdiewa Żgħażagħ

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)** • Triq Ħal-Luqa, Qormi QRM 9075 – Malta • **T** +356 2292 6148 • **E** arpa.mafa@gov.mt
Għal aktar informazzjoni inħeġġuk iżżur is-sit elettroniku tal-ARPA **www.arpa.gov.mt**

**RINUNZJA:** L-informazzjoni mogħtija f'dan il-ktejjeb għandha sservi ta' gwida u m'għandhiex iiġi kkunsidrata bħala eżawrenti. Tali gwida hija suġġett għal tibdil skont il-ħtieġa. Għal informazzjoni kompluta dwar ir-rekwiżiti u l-implimentazzjoni ta' tali skemi, dejjem huwa suġġerit li tikkonsulta mal-aħħar verżjoni tal-linji gwida uffiċjali li huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ARPA www.arpa.gov.mt

# INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

## Appoġġ Kumplimentari għall-Introjtu għall-Bdiewa Żgħażagħ - CISYF

**L-Appoġġ Komplementari għall-Introjtu għal Bdiewa Żgħażagħ ser jitħallas permezz ta' rata fissa għal kull ettaru, bħala pagament supplimentari għall-pagament tal-Appoġġ Bażiku għall-Introjtu għas-Sostenibbiltà u huwa pagabbli lil bdiewa żgħażagħ li għadhom kif ġew stabbiliti u li huma konformi mal-Kundizzjonijiet tal-Eliġibbiltà spjegati taħt dan l-intervent.**

### L-appoġġ ser jiġi pprovdut jew:

- Għal ħames (5) snin mill-ewwel sena tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal dan l-intervent;
- Jew fil-każ ta' dawk li diġà jirċievu appoġġ taħt l-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għall-kumplament tal-perjodu ta' ħames (5) snin mill-ewwel sena tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni;
- Jew ħames snin mill-ewwel sena tar-reġistrazzjoni tal-ażjenda fir-Reġistru tan-Nitrati; skont liema jiġi l-ewwel.

### CISYF – Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Ikunu konformi mad-definizzjoni ta' bidwi attiv kif definit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK;
- Ikunu konformi mad-definizzjoni ta' bdiewa żgħażagħ li għadhom kif ġew stabbiliti għall-ewwel darba kif definit fil-Pjan Strateġiku tal-PAK ("Għadhom kif ġew stabbiliti għall-ewwel darba" tirreferi biss għall-bdiewa li rreġistraw l-ażjenda tagħhom fir-Reġistru tan-Nitrati fl-aħħar 5 snin fid-data tal-għeluq tal-kampanja tal-applikazzjoni);
- Ikunu konformi mad-definizzjoni ta' "kap tal-ażjenda" għall-ewwel darba kif definit fil-Pjan;
- Għal kull għalqa, l-erja minima hija ta' 0.01 Ha;
- Irid ikollhom ażjenda totali minima ta' 0.3 Ha ta' erja agrikola eliġibbli;
- L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sad-dati ta' skadenza kif stabbiliti mill-ARPA;
- L-ettari eliġibbli kollha kklejmjati għandhom ikunu indikati b'mod mhux ambigwu fuq is-sit u permezz ta' immaġnijiet tas-satellita u rreġistrati mal-ARPA meta japplikaw;
- Dawk li diġà jirċievu appoġġ taħt l-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma eliġibbli għal appoġġ għall-kumplament tal-perjodu ta' ħames (5) snin mill-ewwel sena tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

### CISYF – Kalkolu tar-rata ta' pagament

- Rata Minima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2026: €520.64
- Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2026: €560.00
- Rata Minima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2027: €70.00
- Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2027: €80.00

L-intervent ser jieħu l-forma ta' pagament supplimentari annwali addizzjonali għal kul ettaru eliġibbli.

GVERN TA' MALTA

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

QUALITY SERVICE

FONDI.eu

INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI



# ES 1

# EKO-SKEMA 1
# Id-Dedikazzjoni ta' Rqajja tal-Art għat-Titjib tal-Bijodiversità u d-Dakkir

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)** • Triq Ħal-Luqa, Qormi QRM 9075 – Malta • **T** +356 2292 6148 • **E** arpa.mafa@gov.mt
Għal aktar informazzjoni inħeġġuk iżżur is-sit elettroniku tal-ARPA **www.arpa.gov.mt**

**RINUNZJA:** L-informazzjoni mogħtija f'dan il-ktejjeb għandha sservi ta' gwida u m'għandhiex iiġi kkunsidrata bħala eżawrenti. Tali gwida hija suġġett għal tibdil skont il-ħtieġa. Għal informazzjoni kompluta dwar ir-rekwiżiti u l-implimentazzjoni ta' tali skemi, dejjem huwa suġġerit li tikkonsulta mal-aħħar verżjoni tal-linji gwida uffiċjali li huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ARPA www.arpa.gov.mt

# INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

## EKO-SKEMA 1 – Id-Dedikazzjoni ta' Rqajja tal-Art għat-Titjib tal-Bijodiversità u d-Dakkir – ES 1

**Il-benefiċjarji jridu jagħmlu impenn li jiddedikaw żona sħiħa ta' tal-inqas għalqa waħda sħieħa għall-bijodiversità għal 3 snin billi joqogħdu lura milli jikkultivaw l-art għall-produzzjoni tal-għelejjel u mingħajr ma jintużaw Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (PPP), inklużi l-fertilizzanti. L-iskema ser tikkumpensa lill-bdiewa li jiddeċiedu li jċedu l-introjtu tagħhom fuq dawn l-għelieqi waqt li jikkultivaw pjanti ta' valur ekoloġiku għoli f'dik ir-roqgħa.**

### ES 1 – Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Bdiewa eliġibbli għall-BISS;
- għelieqi impenjati jrid ikollhom tal-inqas erja eliġibbli totali ta' 0.04 Ha matul il-perjodu tal-impenn;
- Fil-livell ta' impenn, l-erja minima trid tkun tal-inqas 0.04 Ha;
- Ser tkun permessa ES waħda biss għal kull għalqa;
- Il-bidwi jrid jiddikjara l-ispeċi tal-pjanta fil-pjan tal-għelejjel diġitali tal-IACS;
- L-applikazzjoni ma tistax tiġi sottomessa sakemm il-bidwi ma jindikax tal-inqas 3 mill-pjanti elenkati fl-Anness II fil-pjan tal-għelejjel.

### ES 1 – Impenji

- L-ebda Prodott tal-Protezzjoni tal-Pjanti jew fertilizzant ma jista' jintuża;
- L-erja eliġibbli sħiħa tal-għalqa impenjati fl-ażjenda ddedikata għall-bijodiversità għal tal-inqas 3 snin;
- L-Erja eliġibbli sħiħa tar-roqgħa trid tkun miżrugħa bl-ispeċi tal-pjanti elenkati fil-Pjan;
- L-applikazzjoni ma tistax tiġi sottomessa sakemm il-bidwi ma jindikax tal-inqas 3 mill-pjanti elenkati fil-Pjan tal-PAK fil-pjan tal-għelejjel. Kull pjanta trid tkopri tal-inqas 10% tal-Erja eliġibbli;
- Il-bidwi jrid itella' ritratti permezz tal-*mobile app* tal-ARPA, il-BiedjaCam, kull sena bħala evidenza tal-aderenza mal-impenji taħt l-iskema;
- L-għalqa trid tinżamm taħt attività agrikola minima annwali.

### ES 1– Kalkolu tar-rata ta' pagament

- Rata Minima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2026: €1,700.00
- Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2026: €2,500.00
- Rata Minima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2027: €1,100.00
- Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2027: €1,197.70

L-intervent ser jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli kopert mill-impenn.

GVERN TA' MALTA

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

QUALITY SERVICE

FONDI.eu

INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI



# ES 2
# EKO-SKEMA 2
# Ġestjoni Integrata tal-Pesti

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)** • Triq Ħal-Luqa, Qormi QRM 9075 – Malta • **T** +356 2292 6148 • **E** arpa.mafa@gov.mt
Għal aktar informazzjoni inħeġġuk iżżur is-sit elettroniku tal-ARPA **www.arpa.gov.mt**

**RINUNZJA:** L-informazzjoni mogħtija f'dan il-ktejjeb għandha sservi ta' gwida u m'għandhiex iiġi kkunsidrata bħala eżawrenti. Tali gwida hija suġġett għal tibdil skont il-ħtieġa. Għal informazzjoni kompluta dwar ir-rekwiżiti u l-implimentazzjoni ta' tali skemi, dejjem huwa suġġerit li tikkonsulta mal-aħħar verżjoni tal-linji gwida uffiċjali li huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ARPA www.arpa.gov.mt

# INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

## Eko-skema 2 – Ġestjoni Integrata tal-Pesti – ES 2

**Bdiewa taħt din l-iskema ser jintalbu biex isegwu approċċ integrat fl-attività agrikola tagħhom, li tinkorpora prattiki agronomiċi varji, il-monitoraġġ permezz ta' għarfien aħjar u l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet immirati għal problemi speċifiċi.**

### ES 2 – Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Bdiewa eliġibbli għall-BISS;
- Għelieqi impenjati jrid ikollhom tal-inqas erja eliġibbli totali ta' 0.04 Ha matul il-perjodu tal-impenn;
- Fil-livell tal-impenn, l-erja minima hija ta' 0.04 Ha;
- Ser tkun permessa eko-skema waħda (1) biss għal kull għalqa;
- Il-bidwi jrid jipprovdi pjan għall-ġestjoni integrata tal-pesti (IPMP) maħruġ minn servizz ta' konsulenza tal-Biedja rikonoxxut skont l-Avviż Legali 99 tal-2019 jew minn konsulent kompetenti kif approvat mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti;
- L-IPMP irid ikun konformi mal-linji gwidi maħruġa mid-Direttorat tal-Agrikoltura u għandu jinkludu tal-inqas 3 mit-tekniki li huma elenkati fil-linji gwida rilevanti.

### ES 2 – Impenji

- Il-benefiċjarji jridu jsegwu l-Pjan tal-Ġestjoni Integrata tal-Pesti fuq iż-żona sħiħa tal-għeliqi, kif identifikata fl-istadju tal-applikazzjoni, għal tal-anqas tliet (3) snin konsekuttivi;
- Il-Pjan tal-IPM irid jitfassal minn individwi kompetenti;
- Il-Pjan tal-IPM irid ikun konformi mal-linji gwida maħruġa mid-Direttorat tal-Agrikoltura fejn applikabli, b'enfasi speċifika fuq il-moniteraġġ, prevenzzjoni u mekkaniżmi ta' kontroll li jiffavurixxu l-protezzjoni tal-bio-diversita' u jnaqqsu r-riskju ta' kontaminazzjoni minn PPPs;
- Il-benefiċjarji jridu jinstallaw nasbiet fuq l-irqajja' tal-art biex il-bdiewa jkunu jistgħu jidentifikaw it-tip ta' pest/is-severità tal-infestazzjoni. L-installazzjoni tan-nasbiet trid tkun ibbażata fuq il-pjanijiet;
- Il-bdiewa huma meħtieġa li jżommu rekord, li jrid ikopri d-data meta jitwettaq il-monitoraġġ, il-pest li għalih il-bidwi kien qed jimmonitorja u l-għadd ta' pest(i) rrekordjati (jekk hemm);
- Il-bidwi, qabel ma jissottometti l-applikazzjoni, irid jiddikjara t-tip ta' għalla fil-BiedjaCam u jirreġistra l-użu ta' Prodotti tal Protezzjoni tal-Pjanti fuq tali għelejjel;
- L-għalqa trid tinżamm taħt attività agrikola minima annwali;
- Il-bdiewa jridu jattendu taħriġ organizzat mill-AgriConnect relatat mal-għelejjel li qed jiġu kkultivati sat-tmiem tal-perjodu tal-impenn.

### ES 2– Kalkolu tar-rata ta' pagament

- Rata Minima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2026: €1,500.00
- Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2026: €2,000.00
- Rata Minima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2027: €900.00
- Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2027: €958.00

L-intervent ser jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli kopert mill-impenn.

GVERN TA' MALTA

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

QUALITY SERVICE

FONDI.eu

INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI



# ES 3

# EKO-SKEMA 3
# Jitħeġġeġ l-Użu tal-Mulch bijodegradabbli

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)** • Triq Ħal-Luqa, Qormi QRM 9075 – Malta • **T** +356 2292 6148 • **E** arpa.mafa@gov.mt
Għal aktar informazzjoni inħeġġuk iżżur is-sit elettroniku tal-ARPA **www.arpa.gov.mt**

**RINUNZJA:** L-informazzjoni mogħtija f'dan il-ktejjeb għandha sservi ta' gwida u m'għandhiex iiġi kkunsidrata bħala eżawrenti. Tali gwida hija suġġett għal tibdil skont il-ħtieġa. Għal informazzjoni kompluta dwar ir-rekwiżiti u l-implimentazzjoni ta' tali skemi, dejjem huwa suġġerit li tikkonsulta mal-aħħar verżjoni tal-linji gwida uffiċjali li huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ARPA www.arpa.gov.mt

# INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

## Eko-skema 3 – Jitħeġġeġ l-Użu tal-Mulch bijodegradabbli – ES 3

**Il-benefiċjarji jridu jagħmlu impenn li jużaw Mulch bijodegradabbli għal tal-inqas ċiklu ta' għalla waħda. L-iskema hija intenzjonata biex tkun marbuta mal-akkwist tal-mulch bijodegradabbli minħabba l-benefiċċji ambjentali pożittivi assoċjata miegħu. L-użu ta' mulch bijodegradabbli jwassal għal tnaqqis fil-ġenerazzjoni tal-iskart meta mqabbel mal-mulch konvenzjonali, li huwa materjal mhux riċiklabbli u li għaldaqstant jintrema f'landfill b'esternalitajiet negattivi assoċjati ma' din il-prattika.**

### ES 3 – Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Bdiewa eliġibbli għall-BISS;
- Għelieqi impenjati jrid ikollhom tal-inqas erja eliġibbli totali ta' 0.04 Ha (ta' għelejjel ikkultivati permezz ta' mulch bijodegradabbli) matul il-perjodu tal-impenn;
- Fil-livell tal-impenn, l-erja minima hija ta' 0.04 Ha;
- Ser tkun permessa eko-skema waħda biss għal kull għalqa;
- Il-bidwi jrid jiddikjara t-tip ta' wiċċ fil-pjan tal-għelejjel diġitali;
- Hija biss l-art li tista' tinħadem li hija eliġibbli taħt din l-eko-skema;
- Bdiewa organiċi mhumiex eliġibbli taħt din l-iskema.

### ES 3 – Impenji

- Il-bdiewa jridu jissottomettu ritratti ġeottaggjati permezz tal-BiedjaCam għal dik is-Sena Kalendarja partikolari;
- L-għalqa trid tinżamm taħt l-attività agrikola minima annwali;
- Ma jista' jintuża l-ebda erbiċida, it-tneħħija ta' ħaxix ħażin jista' jitwettaq biss b'mezzi manwali u/jew mekkaniċi;
- Il-bidwi jrid iżomm rekords tad-dokumenti fiskali relatati mal-akkwist tal-Mulch bijodegradabbli, fejn jindikaw b'mod ċar l-akkwist ta' tali mulch;
- Il-benefiċjarji għandhom jimpenjaw ruħhom li jużaw mulch bijodegradabbli konformi mal-istandard tal-UE EN 17033 għall-inqas fuq iċ-ċiklu kollu tat-tkabbir ta' wiċċ wieħed;
- Il-bidwi jrid jiddikjara fuq liema prodott tar-raba' se jagħmel użu mill-mulch bijodegradabbli.

### ES 3 – Kalkolu tar-rata ta' pagament

- Rata Minima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2026: €400
- Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2026: €430
- Rata Minima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2027: €200
- Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2027: €206.03

L-intervent ser jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli kopert mill-impenn.

GVERN TA' MALTA

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

QUALITY SERVICE

FONDI.eu

INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI



# CIS
## Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu

# CIS M1
## Miżura għas-Settur tal-Ħalib

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)** • Triq Ħal-Luqa, Qormi QRM 9075 – Malta • **T** +356 2292 6148 • **E** arpa.mafa@gov.mt
Għal aktar informazzjoni inħeġġuk iżżur is-sit elettroniku tal-ARPA **www.arpa.gov.mt**

**RINUNZJA:** L-informazzjoni mogħtija f'dan il-ktejjeb għandha sservi ta' gwida u m'għandhiex iiġi kkunsidrata bħala eżawrenti. Tali gwida hija suġġett għal tibdil skont il-ħtieġa. Għal informazzjoni kompluta dwar ir-rekwiżiti u l-implimentazzjoni ta' tali skemi, dejjem huwa suġġerit li tikkonsulta mal-aħħar verżjoni tal-linji gwida uffiċjali li huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ARPA www.arpa.gov.mt

## Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu - CIS

**L-appoġġ akkoppjat għall-introjtu ser jintuża biex jappoġġja lil dawk is-setturi li huma ferm żvantaġġati u li huma importanti għal skopijiet soċjo-ekonomiċi jew ambjentali, jiġifieri, is-setturi tal-ħalib, taċ-ċanga, tan-nagħaġ u tat-tadam (għall-ipproċessar).**

**Id-daqs żgħir ta' Malta kkombinat mal-insularità tal-gżira joħloq bosta żvantaġġi naturali u strutturali għal dawk is-setturi.**

## Miżura għas-Settur tal-Ħalib - CIS M1

**Din l-iskema ser tkun ibbażata fuq sistema awtomatika ta' talbiet kif stipulat taħt l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru 2116/2021 abbażi tad-*Database* Nazzjonali tal-Bhejjem (NLD) amministrata mill-VRD.**

### CIS M1– Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Irid ikollhom kuntratt jew ftehim ma' proċessur tal-ħalib li b'mod ċar jistipula r-rendiment tal-ħalib (f'kg) li jrid jiġi pprovdut;
- Iridu jipprovdu 75% tar-rendiment tal-ħalib stipulati fil-kuntratt jew ftehim mal-proċessur tal-ħalib. Fil-każ li ma jintlaħaqx dan ir-rendiment, il-benefiċjarji ma jkunux eliġibbli għall-appoġġ taħt dan l-intervent sakemm jista' jiġi ppruvat li dan kien minħabba forza maġġuri jew minħabba direzzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti;
- Sabiex annimal ikun eliġibbli għal finanzjament, sal-mument tal-estrazzjoni tad-data, irid ikun irreġistrat taħt l-isem tal-applikant fid-*Database* Nazzjonali għall-Bhejjem (NLD) tal-inqas għal perjodu ta' tliet (3) xhur mill-1 ta' Ottubru sat-tmiem ta' Diċembru; ikun femminili li jappartjeni għal razza ta' baqar tal-ħalib; u jkollu tal-inqas għoġol wieħed irreġistrat għal dak l-annimal;
- Konformi mar-rekwiżiti minimi dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 2016/429 kif applikabbli;
- Irid jesprimi l-interess tiegħu f'dan l-intervent fuq bażi annwali f'konformità mad-dati tal-iskadenza stabbiliti mill-ARPA.

### CIS M1– Kalkolu tar-rata ta' pagament

- Rata Minima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2027: €380
- Rata Ppjanata stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2027: €405
- Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2027: €440

L-intervent ser jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ras eliġibbli. Ser jitħallas ammont ta' rata fissa uniformi għal kull ras.

GVERN TA' MALTA

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

QUALITY SERVICE

FONDI.eu

INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI



# CIS
## Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu

# CIS M2
## Is-Settur taċ-Ċanga

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)** • Triq Ħal-Luqa, Qormi QRM 9075 – Malta • **T** +356 2292 6148 • **E** arpa.mafa@gov.mt
Għal aktar informazzjoni inħeġġuk iżżur is-sit elettroniku tal-ARPA **www.arpa.gov.mt**

**RINUNZJA:** L-informazzjoni mogħtija f'dan il-ktejjeb għandha sservi ta' gwida u m'għandhiex iiġi kkunsidrata bħala eżawrenti. Tali gwida hija suġġett għal tibdil skont il-ħtieġa. Għal informazzjoni kompluta dwar ir-rekwiżiti u l-implimentazzjoni ta' tali skemi, dejjem huwa suġġerit li tikkonsulta mal-aħħar verżjoni tal-linji gwida uffiċjali li huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ARPA www.arpa.gov.mt

## Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu - CIS

**L-appoġġ akkoppjat għall-introjtu ser jintuża biex jappoġġja lil dawk is-setturi li huma ferm żvantaġġati u li huma importanti għal skopijiet soċjo-ekonomiċi jew ambjentali, jiġifieri, is-setturi tal-ħalib, taċ-ċanga, tan-nagħaġ u tat-tadam (għall-ipproċessar).**

**Id-daqs żgħir ta' Malta kkombinat mal-insularità tal-gżira joħloq bosta żvantaġġi naturali u strutturali għal dawk is-setturi.**

## Is-Settur taċ-Ċanga - CIS M2

**Din l-iskema ser tkun ibbażata fuq sistema awtomatika ta' talbiet kif stipulat taħt l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru 2116/2021 abbażi tad-*Database* Nazzjonali tal-Bhejjem (NLD) amministrata mill-VRD.**

### CIS M2 – Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Irid ikollhom l-annimali bovini tagħhom irreġistrati fid-*Database* Nazzjonali tal-Bhejjem (NLD) taħt isimhom għal perjodu minimu ta' sitt (6) xhur qabel id-data tal-qatla. L-għadd ta' rjus eliġibbli ser jiġi ddeterminat minn estrazzjoni awtomatizzata mill-NLD li għandha tiġi vverifikata għall-korrettezza mill-ARPA;
- Iridu jkunu qatlu tal-inqas tliet (3) għoġġiela eliġibbli; f'każ baqar biex ikunu eliġibbli iridu li jkunu baqar dawn iridu ikunu ta' razza taċ-ċanga jew razza mħallta ma razza taċ-ċanga, jkollhom età ta' bejn 8 u 20 xahar fis-sena tal-applikazzjoni;
- Konformi mar-rekwiżiti minimi dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000;
- Irid jesprimi l-interess tiegħu f'dan l-intervent fuq bażi annwali konformi mad-dati tal-iskadenza stabbiliti mill-ARPA.

### CIS M2 – Kalkolu tar-rata ta' pagament

- Rata Minima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2027: €200
- Rata Ppjanata stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2027: €207.90
- Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2027: €220

L-intervent ser jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ras eliġibbli. Ser jitħallas ammont ta' rata fissa uniformi għal kull ras.

GVERN TA' MALTA

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

QUALITY SERVICE

FONDI.eu

INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI



# CIS
## Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu

# CIS M3
## Is-Settur tan-Nagħaġ

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)** • Triq Ħal-Luqa, Qormi QRM 9075 – Malta • **T** +356 2292 6148 • **E** arpa.mafa@gov.mt
Għal aktar informazzjoni inħeġġuk iżżur is-sit elettroniku tal-ARPA **www.arpa.gov.mt**

**RINUNZJA:** L-informazzjoni mogħtija f'dan il-ktejjeb għandha sservi ta' gwida u m'għandhiex iiġi kkunsidrata bħala eżawrenti. Tali gwida hija suġġett għal tibdil skont il-ħtieġa. Għal informazzjoni kompluta dwar ir-rekwiżiti u l-implimentazzjoni ta' tali skemi, dejjem huwa suġġerit li tikkonsulta mal-aħħar verżjoni tal-linji gwida uffiċjali li huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ARPA www.arpa.gov.mt

## Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu - CIS

**L-appoġġ akkoppjat għall-introjtu ser jintuża biex jappoġġja lil dawk is-setturi li huma ferm żvantaġġati u li huma importanti għal skopijiet soċjo-ekonomiċi jew ambjentali, jiġifieri, is-setturi tal-ħalib, taċ-ċanga, tan-nagħaġ u tat-tadam (għall-ipproċessar).**

**Id-daqs żgħir ta' Malta kkombinat mal-insularità tal-gżira joħloq bosta żvantaġġi naturali u strutturali għal dawk is-setturi.**

## Is-Settur tan-Nagħaġ - CIS M3

**Din l-iskema ser tkun ibbażata fuq sistema awtomatika ta' talbiet kif stipulat taħt l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) Nru 2116/2021 abbażi tad-*Database* Nazzjonali tal-Bhejjem (NLD) amministrata mill-VRD.**

### CIS M3 – Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Irid ikollhom tal-inqas 20 nagħġa ta' tnax-il (12) xahar jew akbar;
- Irid ikollhom in-nagħaġ irreġistrati fid-*Database* Nazzjonali tal-Bhejjem (NLD) taħt isimhom għal perjodu minimu ta' sitt (6) xhur, jiġifieri mill-1 ta' Ġunju sal-aħħar ta' Diċembru. L-għadd ta' rjus eliġibbli ser jiġi ddeterminat minn estrazzjoni awtomatizzata mill-NLD li għandha tiġi vverifikata għall-korrettezza mill-ARPA;
- Konformi mar-rekwiżiti minimi dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali ovini kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 21/2004;
- Ir-raħħal irid jesprimi l-interess tiegħu f'dan l-intervent fuq bażi annwali f'konformità mad-dati tal-iskadenza stabbiliti mill-ARPA.

### CIS M3 – Kalkolu tar-rata ta' pagament

- Rata Minima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2027: €20
- Rata Ppjanata stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2027: €25
- Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2027: €30

L-intervent ser jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ras eliġibbli. Ser jitħallas ammont ta' rata fissa uniformi għal kull ras.

GVERN TA' MALTA

ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

QUALITY SERVICE

FONDI.eu

**INTERVENTI TAĦT IL-PAGAMENTI DIRETTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI**



# CIS
## Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu

## CIS M4
## Tadam għall-Ipproċessar

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)** • Triq Ħal-Luqa, Qormi QRM 9075 – Malta • **T** +356 2292 6148 • **E** arpa.mafa@gov.mt
Għal aktar informazzjoni inħeġġuk iżżur is-sit elettroniku tal-ARPA **www.arpa.gov.mt**

**RINUNZJA:** L-informazzjoni mogħtija f'dan il-ktejjeb għandha sservi ta' gwida u m'għandhiex iiġi kkunsidrata bħala eżawrenti. Tali gwida hija suġġett għal tibdil skont il-ħtieġa. Għal informazzjoni kompluta dwar ir-rekwiżiti u l-implimentazzjoni ta' tali skemi, dejjem huwa suġġerit li tikkonsulta mal-aħħar verżjoni tal-linji gwida uffiċjali li huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-ARPA www.arpa.gov.mt

## Appoġġ Akkoppjat għall-Introjtu - CIS

L-appoġġ akkoppjat għall-introjtu ser jintuża biex jappoġġja lil dawk is-setturi li huma ferm żvantaġġati u li huma importanti għal skopijiet soċjo-ekonomiċi jew ambjentali, jiġifieri, is-setturi tal-ħalib, taċ-ċanga, tan-nagħaġ u tat-tadam (għall-ipproċessar).

Id-daqs żgħir ta' Malta kkombinat mal-insularità tal-gżira joħloq bosta żvantaġġi naturali u strutturali għal dawk is-setturi.

## Tadam għall-Ipproċessar - CIS M4

L-intervent ser jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli.

### CIS M4 – Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Ikunu konformi mad-definizzjoni ta' bidwi attiv kif definit fil-Pjan;
- Fil-livell ta' roqgħa art, l-erja minima hija ta' 0.01 Ha;
- Irid ikollhom kuntratt mal-Organizzazzjoni tal-Produttur jew kooperattiva fi ħdan is-settur tat-tadam għall-ipproċessar sal-15 ta' Mejju, u jipprovdu tal-inqas 50% tar-rendiment kif stipulat fil-kuntratt imsemmi sakemm jista' jiġi ppruvat mill-applikant li minħabba Forza Maġġuri jew direzzjoni minn awtorità kompetenti, huma ma setgħux jilħqu dan ir-rendiment;
- Jikkultivaw it-tadam (għall-ipproċessar) fil-biċċiet tar-raba' kif iddikjarati;
- L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sad-dati ta' skadenza kif stabbiliti mill-ARPA;
- Iridu jkunu rreġistrati fil-Reġistru tal-Bdiewa tal-IACS kif miżmum mill-ARPA u r-Reġistru tan-Nitrati kif miżmum mid-Direttorat tal-Agrikoltura meta japplikaw;
- L-ettari eliġibbli kollha kklejmjati għandhom ikunu indikati b'mod mhux ambigwu fuq is-sit permezz ta' immaġnijiet tas-satellita u rreġistrati mal-ARPA meta japplikaw.

### CIS M4 – Kalkolu tar-rata ta' pagament

- Rata Minima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2027: €7,000.00
- Rata Ppjanata stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2027: €7,861.19
- Rata Massima stabbilita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK 2023-2027: €8,500.00

L-intervent ser jieħu l-forma ta' pagament annwali għal kull ettaru eliġibbli. Ser jitħallas ammont ta' rata fissa uniformi għal kull ettaru.